**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 536/97

Philip Portelli

vs

Kmandant Forzi Armati ta' Malta

Illum 20 ta' Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent semma li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz jew ghal habta ta' 1992 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien ikkwalifikat ghalihom.

Illi l-fatti fil-qosor kienu illi r-rikorrent ilu jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta hdax-il sena. Fin-1992 hargu l-promozzjonijiet ghall-Lance

Bombardier u gie maqbuz ghalkemm huwa kellu s-seniority u dejjem kien rakkomandat. Ir-rikorrent dejjem qeda' dmiru tajjeb kull fejn gie trasferit.

Illi r-rikorrent huwa konvint illi huwa sofra din l-ingustizzja minhabba fil-kulur politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda indikat f'dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni b'lura mill-1992 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent u d-dokumenti esebiti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, li eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li

jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi fil-promozzjonijiet  li nghataw b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 l-individwi li gew promossi u li kienu *juniors* tar-rikorrent f'dik li hi seniority kienu kollha ikkwalifikati aktar mir-rikorrent hlief ghal tnejn.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fit-30 ta’ Marzu 1999 l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni ibbazata fuq l-artikolu 161 dwar l-att dwar il-Forzi Armati.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma illi f’Marzu 1986 kien ingaggat fil-Korp tad-Dejma u sussegwentement f’April 1987 beda jahdem bhala suldat regolari ma’ l-Armata, dak iz-zmien kienet tissejjah *Task Force* u dan fil-grad ta’ *Gunner*.

Fl-1991 ottjena t-*Third Class* fl-*Army Certificate of Education.* F’Jannar 1992 kienu hargu l-promozzjoni ghal grad ta’ NCO u cioe’ *Lance Bumbardier*. Sostna li kull sena hu kien jigi rrakomandat fil-*confidential report* u li hu kien dejjem imur tajjeb f’xoghlu. Izda gara illi ghalkemm kellu l-kwalifiki mehtiega u l-esperjenza li kienet necessarja sabiex jiehu l-promozzjoni xorta wahda gie maqbuz skondtu b’mod ingust. Kien hemm min kellu seniority inqas minnu u sar *lance bombardier* u sahansitra anke kellhom inqas kwalifiki minnu.

F’Mejju 1998 ha promozzjoni ta’ Lance Bombardier, izda minhabba f’hekk tilef sitt snin u erba xhur paga oltre is-seniority. Ir-rikorrent sostna llum kien ikun rrakomandat.

Il-Maggur George Galea xehed fejn semma li ghal-ewwel bejn l-'87 u n-'95 kien *Platoon Commander* u mbaghad fin-1995 *Company Commander*. Meta kien *Platoon Commander* ir-rikorrent kien wiehed mill-persuni li kien hu in charge tieghu u dan kellu grad ta’ *Gunner*.

Jiftakar lir-rikorrent jaghmel l-ghases, u ma kienx hemm charges jew rapporti negattivi fil-konfront tieghu. Aktar 'il quddiem spicca *Armourer* jigifieri kien *in charge* mill-armerija. Dwar il-promotion exercise tal-1992 ma kienx gie ikkonsultat la fir-rigward tar-rikorrent u lanqas fir-rigward ta' ohrajn.

Sostna li *Platoon Commander* ikun wiehed mill-aktar persuni li jkun direttament involuta mal-persuni li jahdmu tahtu.

Il-Kurunell Mario Schembri esebixxa l-*Annual Report* u l-*Employment Sheet* tar-*Regular Army* maghrufa wkoll bhala *Confidential Report*. Xehed li *Gunner* Pellicano grade fl-education ma kellux, pero` kellu grade ta' infantier B3. *Gunner* Borg la kellu education u lanqas kellu trade filwaqt li r-rikorrent kellu grade 3 education u minghajr trade. U ghalhekk hass illi Pellicano kien ekwivalenti mar-rikorrent waqt li Julian Borg rigward ta' kwalifiki

kellu inqas mir-rikorrent u dawn hadu l-promozzjoni qabel ir-rikorrent.

Esebixxa lista tal-promozzjonijiet tal-1992 minn *Gunner* ghal grad ta' *Lance Bombardier* fejn isem ir-rikorrent jidher fl-ahhar pagna mhux ghax ha l-promozzjoni, izda biex juri s-*seniority*. Ghamel ricerka fil-file personali tar-rikorrent kif ukoll tar-regiment u m'hemm xejn x'jindika bhala raguni ghaliex ir-rikorrent ma hax il-promozzjoni u dan fl-1992. Fl-1998 fil-fatt ir-rikorrent inghata promozzjoni ghal *Lance Bombardier*.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qieghed jilmenta minn nuqqas ta' promozzjoni mill-grad ta' *Gunner* ghal *Lance Bombardier* fin-1992 minhabba l-fatt li jsostni li gie maqbuz fil-promozzjoni.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-

promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Meta wiehed ihares lejn l-iskeda li tinsab a fol 47 tal-process jinduna illi r-rikorrent, li fil-fatt ma hax promozzjoni, bhala livell ta’ edukazzjoni kellu Grade 3 Army Certificate of Education, filwaqt li bhala trade ma kellu xejn. Huwa gie maqbuz minn hamsa minn nies illi pero’ tnejn minnhom kellhom Army Certificate of Education class 2. Iehor kellu class 3 bhalu, izda apparti milli l-class 3 kellu DRV B3. Dwar it-tnejn l-ohra li qabzuh, dawn huma *Gunner* Pellicano u *Gunner* Borg. Fil-kaz ta’ *Gunner* Thomas Pellicano dan ma kellu xejn bhala *Army Certificate of Education*, pero’ kellu B3 riferibbli ghal *grade* ta’ infantier u ghalhekk fil-fehma tal-Kurunell Schembri kienu ta’ kwalifiki ekwivalenti. Pero’ hareg car illi fil-kaz ta’ *Gunner* Julian Borg dana kellu *Army Certificate of Education* nil u *Trade* nil.

Fil-fehma tat-Tribunal dan jammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-Kapitolu 394 u ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ *Lance Bombardier* b’effett mill-20 ta’ Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta’ *seniority* daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.